**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 17.08.08: L-GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.**
Dawk li jixtiequ jieħdu sehem fil-pellegrinaġġ għal Malta, il-biljetti jistgħu jinkisbu sal-lum.
**IT-TLIETA, 19.08.08:** Illum taħbat it-tifkira tad-dehra tal-Madonna ġewwa Fatima.
**Fis-7.00p.m.** quddiesa bl-omelija dwar id-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima li tkun intenzjoni ta' Salvu Mecieca.
**IL-ĦAMIS,:** Kull nhar ta' Ħamis, wara l-quddiesa ta' fil-għaxija jkun hawn ftit ħin ta' Adorazzjoni, li tagħlaq bit-Talba ta' Għeluq il-Jum. Nagħmel appell biex min ikun jista' jiġi jieħu sehem f'dan il-mument ta' talb flimkien.
**IL-ĠIMGĦA, 22.08.08:** Tifkira tal-Verġni Mqaddsa Marija Reġina.
**IS-SIBT: 23.08.08: Fil-10.30a.m.** ikun hawn il-quddiesa għat-Tfal kollha. Nistieden lill-ġenituri biex jibgħatu t-tfal tagħhom għall-quddiesa.
**Fi-7.00p.m.** Quddiesa li fiha jiġi amministrat is-sagrament tal-Magħmudija.
**IL-ĦADD, 24.08.08:** IL-WIEĦED U GĦOXRIN ĦADD MATUL IS-SENA.

**PELLEGRINAĠĠ DJOĊESAN**
Għal fuq il-Gżejjer ta' San Pawl – Malta. Nhar l-Erbgħa, 20 ta' Awissu. Nitilqu mill-Imġarr Għawdex mal-vapur tal-4.30p.m. Ikun hemm konċelerbazzjoni u wieħed jista jirbaħ l-Indulġenza Plenarja. Niġu lura mal-vapur tal-9.45p.m. TLUQ MILL-PARROĊĊA **3.45p.m.**

## ASSEMBLEA PARROKKJALI
Kif diġa smajna l-Knisja f'Għawdex qed tħejji għall-Missjoni Djoċesana li se jkollna matul din s-sena pastorali li ġejja.
F'din il-Missjoni l-Lajċi se jkollhom sehem importanti fix-xandir tal-kelma. U għalhekk qed isir stedina lil diversi laċi mill-parroċċi kollha biex ikun jistgħu jgħinu f'din il-Missjoni.
Għal dan il-għan se ssir Assemblea Parrokkjali li għaliha huma mistiedna l-membri ta' l-Għaqdiet Kattoliċi ta' minn 16 'l sena 'l fuq. U anke persuni oħra li jixtieq jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-Missjoni. Din il-laqgħa se ssir biex ikollhom tagħrif dwar il-Missjoni u dwar dak li se jiġi mitlub mil-lajċi.
Wara din il-laqgħa se jkun hemm formuli apposta biex jimtlew minn dawk li jkunu se jimpenjaw ruħhom għal dan l-apostolat.
Se jmexxu l-Laqgħa persuni li huma nkarigat mill-organizzazzjoni djoċesana tal-Missjoni.
Il-laqgħa se ssir Nhar il-**Ġimgħa, 22 ta' Awissu 2008, fid-Dar tal-Parroċċa u tibda fis-7.30p.m.**
Nagħmel appell biex dawk kollha li huma mistiedna, jattendu.

**Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati**
L-adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati dan ix-xahar se ssir fil-parroċċa ta' Kerċem. Ix-Xarabank titlaq mill-parroċċa tagħna fis-6.30p.m.

**Riparazzjoni:** Il-Kummissjoni dwar l-Okkult u s-Sataniżmu kull meta jaħbat qamar ġdid tagħmel hin ta' talb bħala riparazzjoni għall-offiżi li jġarrab il-Mulej matul dak il-lejl. Fit-30 ta' Awissu se ssir laqgħa ta' talb fil-Knisja ta' Savina, Victoria, u tibda fit-7.45p.m. u tispiċċa fil-10.00p.m.
Kulħadd huwa mistieden biex jattendi